**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Novembru 2019**

**Rikors nru: 189/2016 AGV**

**ABC**

**Vs**

**AD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **DA,** tad- 19 ta' Awwissu 2019 fejn espona bir-rispett;

Illi l-kawza fl-ismijiett premessi titratta t-talbiet tal-partijiet ghal separazzjoni personali flimkien mat-talbiet l-ohrajn generalment imressqa flimkien ma' tali talba komprizi t-talba ta' kull parti illi l-komunjoni tal-akkwisti tigi tterminata;
Illi l-kontendti zzewwgu nhar id- 29 ta' Gunju 2006 u minn daz-zwieg kellhom tifel, EFAB.

Illi l-partijiet ilhom jghixu separati ghal aktar minn 3 snin u dan peress illi l-attrici telqet mid-dar konjugali flimkien mat-tifel, f' Gunju tas-sena 2016.
Illi fil-kors ta' dal-proceduri, l-attrici pprrtendiet ammont konsiderevoli ta' evidenza dwar il-komunjoni tal-akkwsiti tal-partijiet u ghalqet il-provi taghha.
Illi z-zewg kontedenti huma t-tnejn impjegati bi dhul stabbli. Ghalkemm il-pagi tal-partijiet ma humiex identici, huma ma jiddependux minn xulxin finanzjarjament. Inoltre' jigi rilevat illi l-mantenint, dovut lil-esponenti ghal htigijiet ta' ibnu minuri qed jigi imhallas regolarment kif ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti.
Illi meqjusa dal-fatti ma hemmx raguni ghaliex il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-kontendenti ghandha tibqa' fis-sehh.
Illi l-attrici mhux sejra ssoffri xi pregudizzzju u certament mhux ser isoffri minn xi pregudizzju sporporzjonat f' kaz illi dia l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-onorabbli Qorti joghgobha;

1. Torda l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwsiti ezistenti bejn il-partijiet u dan disposizzjoni tal-artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tordna illi s-sentenza hekk moghtija meta tkun res judicata, tigi notifkata lid-direttur tar-Registru Pubbliku, u dan kif mahsub fl-artikolu 55 (5) tal-istess Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

U dan taht dawk il-provvedimenti lili dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti, inkluz li tipprovdi illi l-ispejjez tal-eventwali sentenza. Jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Il-Qorti ra il-verbal tas- 17 ta' Ottubru 2019, fejn l-attrici, mhix qed toggezzjona ghal tali talba tal-konvenut AD.

**IKKUNSIDRAT;**

In tema legali jinghad li l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bazata t-talba attrici, jaghti fakolta` lil parti jew ohra li "f'kull zmien" matul is-smigh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi.

Imbaghad fis-sub-inciz 4 l-istess artikolu jghid:

*"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."*

Minn dan jirrizulta li t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "***pregudizzju mhux proporzjonat".*** Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-*principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*[1]

Din il-Qorti tosserva li dina d-disposizzjoni tal-ligi m'ghandhiex taghti interpretazzjoni wiesgha tal-frazi "*pregudizzju mhux proporzjonat."* Dak li ried il-legislatur, u allura dak li jghid dan is-sub inciz, huwa li mhux kull pregudizzju ghandu jservi ta' ostakolu sabiex tintlaqa' t-talba skont l-Artikolu 55, izda jehtieg li l-pregudizzju jkun tali li jikkwalifika bhala sproporzjonat.

---

[1] Rik.Gur. 257/11, Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu, 2014.

*Quod lex voluit lex dixit*, u ghalhekk mhux legalment konsentit li l-ligi tigi interpretata jew applikata b'mod li tmur kontra t-termini espressi taghha.

Fin-nuqqas ta' kwalsiasi provi li jistghu jwasslu ghall-inapplikabbilita' tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll minhabba li l-istess intimata, fir-risposta ma oggezzjonatx li ghandha tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti, dina l-Qorti ghandha tilqa' t-talbiet tar-rikorrent.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti, b'dan li fi zmien ghaxart ijiem l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f'dina s-sentenza

L-ispejjez ghandhom jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**